SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Għaxar Awla)

4 ta' Lulju 2019 *

"Appell – Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Regolament (KE) Nru 207/2009 – Proċedimenti ta' oppożizzjoni – Artikolu 8(1)(b) – Applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tat-marka figurattiva li tinkludi l-element verbali 'Fl' – Oppożizzjoni mill-proprjetarju tat-trade mark figurattiva li tinkludi l-element verbali 'fly.de' – Ċaħda – Xebh tas-sinjali – Isem f'kitba standard fil-*Bulettin tat-trademarks tal-Unjoni Ewropea* – Probabbiltà ta' konfużjoni"

Fil-Kawża C-99/18 P,

li għandha bħala suġġett appell skont l-Artikolu 56 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, ippreżentat fit-12 ta' Frar 2018,

FTI Touristik GmbH, stabbilita f'München (il-Ġermanja), irrappreżentata minn A. Parr, Rechtsanwältin,

appellanti,

il-partijiet l-oħra fil-kawża li huma:

L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO), irrappreżentat minn D. Walicka u D. Botis, bħala aġenti,

konvenuta fl-ewwel istanza,

Harald Prantner, residenti f'Hamburg (il-Ġermanja),

Daniel Giersch, residenti f'Monaco (Monaco),

irrappreżentati minn S. Eble, Rechtsanwalt,

intervenjenti fl-ewwel istanza,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Għaxar Awla),

komposta minn C. Lycourgos, President tal-Awla, M. Ilešič (Relatur) u I. Jarukaitis, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: G. Pitruzzella,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

* Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż.

wara li rat id-deċiżjoni, meħuda wara li nstema' l-Avukat Ġenerali, li l-kawża tinqata' mingħajr konklużjonijiet,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 Permezz tal-appell tagħha, FTI Touristik GmbH titlob l-annullament tas-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tat-30 ta' Novembru 2017, FTI Touristik vs EUIPO – Prantner u Giersch (Fl) (T-475/16, mhux ippubblikata, iktar 'il quddiem is-"sentenza appellata", EU:T:2017:856), li permezz tagħha ċaħdet ir-rikors tagħha intiż għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) tas-16 ta' Ġunju 2016 (Każ R 480/2015-5), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn FTI Touristik u Harald Prantner u Daniel Giersch (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni kontenzjuża").

Il-kuntest ġuridiku

2 Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 207/2009 tas-26 ta' Frar 2009 dwar it-trademark tal-Unjoni Ewropea (ĠU 2009, L 78, p. 1), ġie emendat bir-Regolament (UE) 2015/2424 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-16 ta' Diċembru 2015 (ĠU 2015, L 341, p. 21, rettifiki fil-ĠU 2016, L 267, p. 1, fil-ĠU 2016, L 110, p. 4, fil-ĠU 2016, L 71, p. 322), li daħal fis-seħħ fit-23 ta' Marzu 2016. Ir-Regolament Nru 207/2009, kif emendat, tħassar u ġie ssostitwit, b'effett fl-1 ta' Ottubru 2017, bir-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2017 dwar it-trademark tal-Unjoni Ewropea (ĠU 2017, L 154, p. 1). Madankollu, fid-dawl tad-data ta' introduzzjoni tal-applikazzjoni għal reġistrazzjoni inkwistjoni f'dan il-każ, jiġifieri s-7 ta' Ottubru 2013, li hija determinanti sabiex jiġi identifikat id-dritt sostantiv applikabbli, din it-tilwima hija rregolata bid-dispożizzjonijiet sostantivi tar-Regolament Nru 207/2009.

3 L-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009 jipprovdi kif ġej:

"Jekk issir oppożizzjoni minn proprjetarju ta' trade mark preċedenti, l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' trade mark m'għandhiex tiġi milqugħa:

[…]

b) jekk minħabba identiċità jew xebħ bejn iż-żewġ trade marks u l-identiċità jew xebħ tal-prodotti jew servizzi koperti mit-trade marks teżisti probabiltà ta' konfużjoni minn naħa tal-pubbliku fit-territorju fejn it-trade mark preċedenti hija protetta; il-probabiltà ta' konfużjoni tinkludi wkoll il-probabiltà li ssir assoċjazzjoni mat-trade mark preċedenti."

Il-fatti li wasslu għall-kawża u d-deċiżjoni kontenzjuża

4 Il-fatti li wasslu għall-kawża u d-deċiżjoni kontenzjuża huma miġbura fil-punti 1 sa 15 tas-sentenza appellata.

"1. Fis-7 ta' Ottubru 2013, l-intervenjenti, […] Prantner u […] Giersch, ippreżentaw applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' trade mark tal-Unjoni Ewropea lill-[EUIPO], skont ir-Regolament [Nru 207/2009].

2. It-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni għal reġistrazzjoni hija s-sinjal figurattiv li ġej:



3 Il-prodotti u s-servizzi li għalihom saret l-applikazzjoni għal reġistrazzjoni jaqgħu taħt il-klassijiet 16, 39 u 43 fis-sens tal-Ftehim ta' Nice dwar il-klassifikazzjoni internazzjonali ta' prodotti u servizzi għall-finijiet tar-reġistrazzjoni ta' trade marks, tal-15 ta' Ġunju 1957, kif rivedut u emendat, u jikkorrispondu, għal kull waħda minn dawn il-klassijiet, għad-deskrizzjoni li ġejja:

– klassi 16: 'Materjal stampat; ritratti; kartolerija tal-karta; materjali għall-ippakkjar; pubblikazzjonijiet; kotba; manwali; fuljetti; newsletters; ktieb bil-folji vojta għal użu fi twaħħil ta' stampi; gazzetti; rivisti u perjodiċi; biljetti; kupuni; il-kupuni u d-dokumenti tal-ivvjaġġar; passes; tikketti; kartelluni; kartolini; kalendarji: djarji u ġurnali; materjal istruttiv';

– klassi 39: 'Trasport; servizzi tal-ivvjaġġar; informazzjoni dwar l-ivvjaġġar; disponibbiltà ta' faċilitajiet ta' parkeġġ għall-vetturi; it-trasport ta' prodotti, passiġġieri u vjaġġaturi bl-ajru, bl-art, bil-baħar u bil-ferrovija; servizzi ta' linja tal-ajru u ta' tbaħħir; servizzi ta' kontroll ta' biljetti waqt id-dħul fl-ajruport; arranġamenti għat-trasport ta' passiġġieri, tal-merkanzija u tal-ivvjaġġar bl-art u bil-baħar; servizzi ta' linja tal-ajru; servizzi ta' reġistrazzjoni ta' bagalji waqt dħul; servizzi ta' mmaniġġjar ta' merkanzija u servizzi ta' merkanzija; l-organizzazzjoni, il-ġestjoni u l-forniment ta' faċilitajiet ta' kruċieri, eskursjonijiet u vaganzi; kiri ta' ajruplani; kiri ta' ajruplani, ta' vetturi personali u ta' dgħajjes; servizzi ta' taksi; servizzi ta' karozzi tal-linja; servizzi ta' xufier; servizzi tal-kowċ; servizzi ferrovjarji; servizzi ta' kollegament tal-ajruport; servizzi ta' parkeġġ f'ajruport; servizzi għall-parkeġġ tal-ajruplani; l-iskortar tal-vjaġġaturi; servizzi ta' aġenziji tal-ivvjaġġar; servizzi ta' pariri, konsultazzjoni u informazzjoni għas-servizzi kollha msemmija hawn fuq; l-għoti ta' informazzjoni dwar is-servizzi tat-trasport; disponibbiltà online ta' informazzjoni dwar l-ivvjaġġar; riżervazzjoni ta' vjaġġi permezz ta' databases kompjuterizzati jew permezz tal-Internet';

– klassi 43: 'Servizzi ta' catering u ta' xorb, akkomodazzjoni temporanja; servizzi ta' restorant u ta' bar; catering; l-arranġament għall-akkomodazzjoni għal dawk li jmorru vaganza; servizzi ta' riżervazzjoni tar-ristoranti u akkomodazzjoni turistika; servizzi ta' lukandi u/jew ristoranti; servizzi ta' riżervazzjoni li jikkonċernaw l-operat ta' lukanda'.

4. L-applikazzjoni għal trade mark tal-Unjoni Ewropea ġiet ippubblikata fil-*Bulettin tat-trade marks tal-Unjoni Ewropea* Nru 225/2013, tas-26 ta' Novembru 2013.

5 Fis-26 ta' Frar 2014, ir-rikorrenti, FTI Touristik […], ippreżentat oppożizzjoni, skont l-Artikolu 41 tar-Regolament Nru 207/2009 (li sar l-Artikolu 46 tar-Regolament 2017/1001), għar-reġistrazzjoni tat-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni għall-prodotti u għas-servizzi msemmija fil-punt 3 iktar 'il fuq.

6 L-oppożizzjoni kienet ibbażata fuq it-trade mark tal-Unjoni Ewropea figurattiva preċedenti li ġejja:



li tindika l-prodotti u servizzi fil-klassijiet 16, 39, 41 u 43 u li jikkorrispondu ma' kull waħda mnn dawn il-klassijiet għad-deskrizzjoni li ġejja:

– klassi 16: 'Materjal stampat, b'mod partikolari katalogi, prospetti, materjal ta' informazzjoni; oġġetti tal-uffiċċju (ħlief għamara); materjal ta' struzzjoni u ta' tagħlim, inkluż fil-klassi 16; globi tad-dinja, atlas; karti, kartun u prodotti tagħhom (inklużi fil-klassi 16); kartolerija tal-karta; tgeżwir tal-plastik għall-ippakkjar, inklużi basktijiet tal-plastik, inklużi fil-klassi 16, għata tal-plastik, b'mod partikolari għal dokumenti tal-ivvjaġġar';

– klassi 39: 'It-trasport, inklużi l-medjazzjoni u l-kiri ta' mezzi ta' trasport; l-ippjanar, l-organizzazzjoni, ir-riżervazzjoni u l-medjazzjoni tal-ivvjaġġar, anki bl-għajnuna tat-tagħmir elettroniku; is-servizzi tat-turiżmu; it-twettiq ta' żjarat fi bliet u rħula, akkumpanjament ta' vjaġġaturi; informazzjoni dwar it-trasport u l-ivvjaġġar, inkluż għajnuna ta' tagħmir elettroniku';

– klassi 41: 'Provvista ta' tagħlim; taħriġ; organizzazzjoni u divertiment; attivitajiet sportivi u kulturali; servizzi ta' divertiment; il-pubblikazzjoni u editjar ta' materjal stampat u prodotti elettroniċi relatati (inklużi CD-ROMs u compact discs interattivi); kiri ta' films, reġistrazzjonijiet ta' videos, films, radju, apparat tat-televiżjoni, tagħmir ta' sports; l-arranġament u t-tmexxija ta' konferenzi, kungressi, simpożji, laqgħat u seminars';

– klassi 43: 'Il-ftuħ tal-akkomodazzjoni; servizzi ta' akkomodazzjoni; servizzi ta' catering u akkomodazzjoni temporanja; is-senserija ta' akkomodazzjoni temporanja u l-forniment f'ristoranti u lukandi, inkluża s-senserija ta' djar u djar ta' villeġġjatura'.

7. Il-motiv invokat insostenn tal-oppożizzjoni kien dak imsemmi fl-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009 (li sar l-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 2017/1001).

8 Fit-3 ta' Frar 2015, id-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni laqgħet l-oppożizzjoni u ċaħdet l-applikazzjoni għal trade mark għall-prodotti u għas-servizzi inkwistjoni kollha.

9 Fis-26 ta' Frar 2015, l-intervenjenti ppreżentat appell quddiem l-EUIPO, skont l-Artikoli 58 sa 64 tar-Regolament Nru 207/2009 (li saru l-Artikoli 66 sa 71 tar-Regolament 2017/1001), kontra d-deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni.

10 Permezz tad-[deċiżjoni kontenzjuża], il-Ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO annulla d-deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni.

11 L-ewwel nett, dan irrileva fil-punt 19 tad-deċiżjoni [kontenzjuża], li l-prodotti u s-servizzi inkwistjoni kienu maħsuba kemm għall-pubbliku ġenerali kif ukoll għal pubbliku speċjalizzat u li wieħed kellu jħares lejn il-pubbliku li għandu l-inqas livell ta' attenzjoni, jiġifieri l-pubbliku ġenerali li għandu livell ta' attenzjoni medja. Imbagħad dan kienet tal-fehma, fil-punt 20 tad-deċiżjoni [kontenzjuża], li t-territorju rilevanti għall-evalwazzjoni tal-probabbiltà ta' konfużjoni kien l-Unjoni Ewropea kollha, qabel ma ppreċiża li l-oppożizzjoni kellha tintlaqa' anki jekk kienet teżisiti probabbiltà ta' konfużjoni fi Stat Membru wieħed biss.

12 Fir-rigward tal-paragun tal-prodotti u tas-servizzi, il-[Ħames] Bord tal-Appell [tal-EUIPO] approva, fil-punt 25 tad-deċiżjoni [kontenzjuża], it-talba, mhux ikkontestata quddiemu, tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni, kif riprodotta fil-punt 24 tad-deċiżjoni [kontenzjuża] u li skont din il-prodotti u s-servizzi inkwistjoni kienu parzjalment identiċi u parzjalment jixxiebhu. Dan għalhekk ikkonstata l-identiċità tal-prodotti, fil-klassi 16, imsemmija mit-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni, u tal-prodotti, li wkoll jaqgħu taħt din il-klassi, koperti mit-trade mark preċedenti. Bl-istess mod, dan ikkonkluda li kienet teżisti identiċità bejn is-servizzi fil-klassi 39 imsemmija mit-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni u dawk li jaqgħu taħt l-istess klassi, imsemmija mit-trade mark preċedenti, bl-eċċezzjoni tas-servizzi pprovduti bħala 'disponibbiltà ta' faċilitajiet ta' parkeġġ għall-vetturi; servizzi ta' parkeġġ f'ajruport; servizzi għall-parkeġġ tal-ajruplani' li kienu ġew kklassifikati bħala analogi mas-servizz 'Trasport' tat-trade mark preċedenti. Fl-aħħar nett, dan ikkunsidra li s-servizzi kollha fil-klassi 43 tat-trademark li għaliha saret l-applikazzjoni kienu identiċi għal dawk tal-istess klassi tat-trade mark preċedenti, bl-eċċezzjoni ta' 'servizzi ta' riżervazzjoni tar-ristoranti u akkomodazzjoni turistika' li kienu jixbhu s-'servizzi ta' akkomodazzjoni temporanja u ta' catering' tat-trade mark preċedenti.

13 Il-[Ħames] Bord tal-Appell [tal-EUIPO] eżamina wkoll is-sinjali kunfliġġenti u kkunsidra, fil-punt 32 tad-deċiżjoni [kontenzjuża], li, fil-livell viżiv, ma kienu ppreżentaw ebda xebh. Fil-livell fonetiku, dan ikkunsidra, essenzjalment, fil-punti 33 u 34 tad-deċiżjoni [kontenzjuża], li għall-pubbliku li ma kellux għarfien tat-terminu Ingliż 'fly', is-sinjali kunfliġġenti ma kinux jixxiebhu. Għall-konsumaturi li kellhom għarfien tal-kelma Ingliża 'Fly', kien jeżisti xebh fonetiku sakemm it-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni kienet assoċjata mal-kelma 'fly'. Madankollu, din l-okkorrenza kienet tidher ftit probabbli sa fejn, minn naħa, kienet teżisti differenza kbira bejn l-ittra 'y' u l-qalb stilizzata fit-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni u, min-naħa l-oħra, ma kienx komuni li l-ittra 'y' tiġi ssostitwita b'simbolu ta' qalb. Fil-livell kunċettwali, dan ikkunsidra, essenzjalment, fil-punti 35 u 36 tad-deċiżjoni [kontenzjuża], li, għall-pubbliku li ma kellux għarfien tat-terminu Ingliż 'fly', is-sinjali kunfliġġenti ma kinux jixxiebhu. Għall-konsumaturi li kellhom għarfien u kienu jifhmu l-kelma Ingliża 'fly', kien jeżisti xebh kunċettwali bil-kundizzjoni li l-kelma 'Fly' tiġi identifikata fit-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni. Madankollu, din l-okkorrenza kienet tidher marġinali għall-istess raġunijiet bħal dawk esposti fil-kuntest tal-evalwazzjoni tax-xebh fonetiku.

14 Il-[Ħames] Bord tal-Appell [tal-EUIPO] qies, fil-punt 40 tad-deċiżjoni [kontenzjuża], li t-trade mark preċedenti kellha karattru distintiv intrinsiku medju għall-konsumaturi mhux Anglofili u karattru distintiv intrinsiku dgħajjef għall-pubbliku Anglofilu.

15 Fir-rigward tal-eżami tal-probabbiltà ta' konfużjoni bejn is-sinjali kunfliġġenti, il-[Ħames] Bord tal-Appell [tal-EUIPO] ikkonkluda, fil-punt 47 tad-deċiżjoni [kontenzjuża], li probabbiltà ta' konfużjoni kienet assenti. Dan irrileva f'dan ir-rigward, fil-punt 46 tad-deċiżjoni [kontenzjuża], li, minħabba l-karattru purament deskrittiv tal-element komuni, id-differenzi fonetiċi, kunċettwali u fuq kollox viżivi bejn is-sinjali kienu suffiċjenti sabiex tiġi eskluża b'ċertezza probabbiltà ta' konfużjoni, inkluż għal prodotti u għal servizzi identiċi."

Ir-rikors quddiem il-Qorti Ġenerali

5 B'att ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fis-26 ta' Awwissu 2016, l-appellanti ppreżentat rikors intiż għall-annullament tad-deċiżjoni kontenzjuża, u insostenn tiegħu qajmet motiv uniku, ibbażat fuq il-ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009. L-appellanti sostniet, essenzjalment, li l-analiżi mill-Ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO tax-xebh viżiv, fonetiku u kunċettwali tas-sinjali kunfliġġenti hija żbaljata u li kien bi żball li dan irrikonoxxa karattru distintiv dgħajjef lit-trade mark preċedenti għall-pubbliku Anglofilu, b'mod li ma teżisiti ebda probabbiltà ta' konfużjoni bejn is-sinjali kunfliġġenti.

6 Fis-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali kkunsidrat, fl-ewwel lok, fir-rigward tal-paragun tas-sinjali kunfliġġenti, li l-Ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO kien ikkonkluda b'mod fondat li xebh viżiv, fonetiku u kunċettwali kien assenti bejn it-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni u t-trade mark preċedenti. Fit-tieni lok, f'dak li jikkonċerna l-karattru distintiv tat-trade mark preċedenti, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li dan il-Bord tal-Appell kien korrettament qies li t-trade mark preċedenti tgawdi minn karattru distintiv medju għall-pubbliku mhux Anglofilu u minn karattru distintiv dgħajjef għall-pubbliku Anglofilu. Fit-tielet lok, fir-rigward tal-probabbiltà ta' konfużjoni, il-Qorti Ġenerali qieset li l-appellanti ma kinitx stabbilixxiet li dan il-Bord tal-Appell kien ikkonkluda b'mod żbaljat li ma kinitx teżisiti probabbiltà ta' konfużjoni bejn it-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni u t-trade mark preċedenti. Għaldaqstant, il-Qorti Ġenerali ċaħdet il-motiv uniku mqajjem, kif ukoll ir-rikors fl-intier tiegħu.

It-talbiet tal-partijiet fl-appell

7 FTI Touristik titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

– tannulla s-sentenza appellata u

– tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż.

8 L-EUIPO jitlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

– tiċħad l-appell u

– tikkundanna lil FTI Touristik għall-ispejjeż.

9 H. Prantner u D. Giersch jitolbu li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha tiċħad l-appell.

Fuq l-appell

10 Fl-appell tagħha, l-appellanti tqajjem aggravju uniku bbażat fuq il-ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009, li jinqasam f'erba' partijiet. Fil-kuntest tal-ewwel parti tal-aggravju uniku, hija tikkritika wkoll lill-Qorti Ġenerali li kisret l-obbligu ta' motivazzjoni tagħha.

Fuq l-ewwel parti tal-aggravju uniku

11 Permezz tal-ewwel parti tal-aggravju uniku, l-appellanti ssostni li l-Qorti Ġenerali wettqet żball metodoloġiku fil-kuntest tal-evalwazzjoni tal-eżistenza ta' probabbiltà ta' konfużjoni, sa fejn naqset milli tieħu inkunsiderazzjoni, fl-eżami tagħha tax-xebh tas-sinjali inkwistjoni, tal-isem tat-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni f'kitba standard, hekk kif jidher fil-*Bulettin tat-trademarks tal-Unjoni Ewropea*. F'dan il-kuntest, il-Qorti Ġenerali kienet kisret l-obbligu ta motivazzjoni tagħha, billi naqset milli teżamina l-argument tal-appellanti bbażat fuq dan l-isem.

12 L-EUIPO jikkunisdra li l-ewwel parti tal-aggravju uniku hija inammissibbli, sa fejn tikkostitwixxi tentattiv tal-appellanti li tressaq kwistjonijiet ta' fatt lill-Qorti tal-Ġustizzja. Fi kwalunkew każ, din il-parti hija infondata.

13 Fir-rigward tal-ammissibbiltà tal-ewwel parti tal-aggravju uniku, hemm lok li jitfakkar, minn naħa, li minn ġurisprudenza stabbilita jirriżulta li l-eżistenza ta' probabbiltà ta' konfużjoni min-naħa tal-pubbliku għandha tiġi evalwata b'mod globali filwaqt li jittieħdu inkunsiderazzjoni l-fatturi rilevanti kollha tal-każ ineżami. Għalkemm l-evalwazzjoni ta' dawn il-fatturi hija kwistjoni ta' fatt li ma taqax taħt l-istħarriġ tal-Qorti tal-Ġustizzja, in-nuqqas li jittieħdu inkunsiderazzjoni dawn il-fatturi kollha

jikkostitwixxi, għall-kuntrarju, żball ta' liġi u jista', bħala tali, jitqajjem quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja fil-kuntest ta' appell (sentenza tas-16 ta' Ġunju 2011, Union Investment Privatfonds vs UniCredito Italiano, C-317/10 P, EU:C:2011:405, punt 45 u l-ġurisprudenza ċċitata).

14 Min-naħa l-oħra, il-kwistjoni tal-portata tal-obbligu ta' motivazzjoni tikkostitwixxi kwistjoni ta' liġi li hija suġġetta għall-istħarriġ tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-kuntest ta' appell (sentenza tat-28 ta' Ġunju 2005, Dansk Rørindustri *et* vs Il-Kummissjoni, C-189/02 P, C-202/02 P, C-205/02 P sa C-208/02 P u C-213/02 P, EU:C:2005:408, punt 453).

15 Isegwi li l-ewwel parti tal-aggravju uniku hija ammissibbli.

16 Fir-rigward tal-fondatezza ta' din il-parti, l-ewwel nett għandu jiġi skartat l-allegat ksur mill-Qorti Ġenerali tal-obbligu ta' motivazzjoni tagħha.

17 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li minn ġurisprudenza stabbilita jirriżulta li l-obbligu ta' motivazzjoni li l-Qorti Ġenerali għandha konformement mal-Artikolu 36 u mal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 53 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea ma jeħtieġx li l-Qorti Ġenerali tipprovdi espożizzjoni li ssegwi b'mod eżawrjenti u kull wieħed mir-raġunamenti kollha fformulati mill-partijiet fit-tilwima. Il-motivazzjoni tista' tkun ukoll impliċita, bil-kundizzjoni li tippermetti lill-persuni kkonċernati li jidentifikaw ir-raġunijiet li fuqhom il-Qorti Ġenerali tibbaża u lill-Qorti tal-Ġustizzja li jkollha elementi suffiċjenti sabiex teżerċita l-istħarriġ tagħha fil-kuntest ta' appell (sentenza tal-20 ta' Settembru 2016, Mallis *et* vs Il-Kummissjoni u BĊE, C-105/15 P sa C-109/15 P, EU:C:2016:702, punt 45 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

18 Fil-każ preżenti, għandu jiġi kkonstatat li mill-punt 43 tas-sentenza appellata jirriżulta li, "f'dak li jikkonċerna [l-isem] tat-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni f'kitba standard, ippubblikata fil-*Bulettin tat-trademarks tal-Unjoni Ewropea*, jiġifieri 'fly', hemm lok li jiġi rrilevat li dan [l-isem] ma jistax jirregola l-evalwazzjoni tal-impressjoni fonetika maħluqa minn trade marks kumplessi fil-kuntest ta' proċedimenti ta' oppożizzjoni".

19 Isegwi li, kuntrarjament għal dak li ssostni l-appellanti, meta kkunsidrat li dan [l-isem] ma jistax tirregola l-evalwazzjoni tal-impressjoni fonetika inkwistjoni, il-Qorti Ġenerali impliċitament, iżda neċessarjament, ikkunsidrat li dan l-istess isem ma jikkostitwixxix indizju tal-mod li bih il-pubbliku rilevanti jipperċepixxi t-trade mark inkwistjoni.

20 Barra minn hekk, tali evalwazzjoni ma hijiex ivvizzjata minn żball ta' liġi. Fil-fatt, hekk kif il-Qorti Ġenerali fakkret fil-punt 21 tas-sentenza appellata, minn ġurisprudenza stabbilita jirriżulta li l-probabbiltà ta' konfużjoni għandha tiġi evalwata globalment, skont il-perċezzjoni li l-pubbliku rilevanti għandu tas-sinjali u tal-prodotti jew tas-servizzi inkwistjoni, u billi jittieħdu inkunsiderazzjoni l-fatturi rilevanti kollha tal-każ, b'mod partikolari tal-interdipendenza bejn ix-xebh tas-sinjali u dak tal-prodotti jew tas-servizzi indikati.

21 Issa, hekk kif il-Qorti Ġenerali ddeċidiet, essenzjalment, fil-punt 43 tas-sentenza appellata, imfakkar fil-punt 18 ta' din is-sentenza, l-isem f'kitba standard ta' trade mark figurattiva fil-*Bulettin tat-trademarks tal-Unjoni Ewropea*, kemm jekk jikkorrispondi mal-intenzjoni tal-applikant għat-trademark inkwistjoni jew mar-riferiment magħmul mill-EUIPO f'dan il-bulletin, huwa irrilevanti għall-finijiet tal-evalwazzjoni tal-perċezzjoni fonetika li l-pubbliku rilevanti għandu tas-sinjali inkwistjoni, li ma jitħawdux mal-isem tagħhom f'kitba standard f'dan il-bulletin.

22 Isegwi li hemm lok li l-ewwel parti tal-aggravju uniku tiġi miċħuda.

Fuq it-tieni parti tal-aggravju uniku

23 Permezz tat-tieni parti tal-aggravju uniku, l-appellanti ssostni li, bħal fil-każ tal-Ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO, il-Qorti Ġenerali wettqet żball metodoloġiku fl-evalwazzjoni tagħha tal-eżistenza ta' probabbiltà ta' konfużjoni. F'dan ir-rigward, huwa previst li xebh fonetiku jiġi nnewtralizzat minn differenzi viżivi b'mod li, minkejja xebh fonetiku, ma teżisti ebda probabbiltà ta' konfużjoni, tali newtralizzazzjoni għandha tiġi eżaminata fir-rigward tal-evalwazzjoni tal-eżistenza ta' probabbiltà ta' konfużjoni. Fil-fatt, fl-ipoteżi fejn tali eżami diġà jitwettaq fl-istadju tal-paragun tas-sinjali, xebh tat-trade marks huwa eskluż per se, mingħajr ma effetti oħra fuq il-probabbiltà ta' konfużjoni jistgħu jittieħdu inkunsiderazzjoni, bħall-karattru distintiv tat-trade marks inkwistjoni jew l-identiċità jew ix-xebh tal-prodotti u tas-servizzi kkonċernati.

24 L-EUIPO jsostni li t-tieni parti tal-aggravju uniku hija inammissibbli, peress li tirreferi mhux għas-sentena appellata, iżda għad-deċiżjoni kontenzjuża. Fi kwalunkwe każ, din il-parti diffiċilment tinftiehem u hija infondata.

25 Fir-rigward tal-ammissibbiltà tat-tieni parti tal-aggravju uniku, hemm lok li jiġi rrilevat li, kuntrarjament għal dak li jsostni l-EUIPO, l-appellanti ma tillimitax ruħha li tikkontesta, fl-appell tagħha, il-legalità tad-deċiżjoni kontenzjuża, iżda ssostni li, fil-punt 64 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali kkonkludiet, mingħajr ma pprovdiet ġustifikazzjoni adegwata, li xebh tas-sinjali kunfliġġenti kien assenti, biex b'hekk wettqet żball ta' metodu fil-kuntest tal-evalwazzjoni tal-probabbiltà ta' konfużjoni. Għaldaqstant, it-tieni parti tal-aggravju uniku hija ammissibbli.

26 F'dak li jikkonċerna l-fondatezza ta' din il-parti, hemm lok li jiġi kkonstatat li din hija bbażata fuq qari żbaljat tas-sentenza appellata.

27 F'dan ir-rigward, huwa suffiċjenti li jiġi rrilevat, minn naħa, li, fil-punt 64 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li "l-argument tar-rikorrenti dwar il-probabbiltà ta' konfużjoni huwa bbażat fuq l-idea żbaljata li l-[Ħames] Bord tal-Appell [tal-EUIPO] kellu jikkonkludi li s-sinjali kunfliġġenti kienu jixxiebhu ħafna sa fejn, għall-parti l-kbira tal-konsumaturi, huma jaqsmu l-element verbali komuni 'fly'", filwaqt li rreferiet, f'dan ir-rigward, għall-punti 26 sa 57 ta' din is-sentenza. Minn dan iddeduċiet, fil-punt 65 ta' din is-sentenza, li l-appellanti ma kinitx stabbilixxiet li dan il-Bord tal-Appell kien b'mod żbaljat ikkonkluda li ma kinitx teżisti probabbiltà ta' konfużjoni, fis-sens tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009. Il-Qorti Ġenerali għalhekk, fil-punt 64 tas-sentenza appellata, unikament ikkonstatat, essenzjalment, li dan il-Bord tal-Appell kien fondat meta kkonkluda li probabbiltà ta' konfużjoni f'dan il-każ kienet assenti.

28 Min-naħa l-oħra, lanqas ma jirriżulta minn dawn il-punti 26 sa 57 u, b'mod partikolari, mill-punti 30 sa 36 tas-sentena appellata, dwar ix-xebh viżiv tas-sinjali kunfliġġenti, mill-punti 41 sa 44 ta' din is-sentenza, dwar ix-xebh fonetiku ta' dawn is-sinjali, u mill-punti 49 sa 51 ta' din is-sentenza, dwar ix-xebh kunċettwali ta' dawn is-sinjali, li l-Qorti Ġenerali kienet ibbażat ruħha fuq "newtralizzazzjoni" tax-xebh fonetiku tas-sinjali inkwistjoni permez tad-differenza viżiva tagħhom fil-kuntest tal-evalwazzjoni tagħha tax-xebh tas-sinjali inkwistjoni.

29 Għalhekk hemm lok li t-tieni parti tal-aggravju uniku tiġi miċħuda.

Fuq it-tielet parti tal-aggravju uniku

30 Permezz tat-tielet parti tal-aggravju uniku, l-appellanti tikkontesta l-evalwazzjoni li tinsab fil-punt 42 tas-sentenza appellata, li permezz tagħha l-Qorti Ġenerali kkunsidrat li, peress li t-trade mark preċedenti tinkludi l-element ".de", ma jeżistix xebh fonetiku bejn is-sinjali inkwistjoni, peress li t-trade mark preċedenti hija, mill-fatt ta' dan l-element, dejjem ippronunzjata f'diversi sillabi. Fil-fatt,

b'dan il-mod, il-Qorti Ġenerali kienet tat karattru dominanti lil dan l-element fl-impressjoni sħiħa prodotta mit-trade mark preċedenti, filwaqt li estensjoni ta' isem ta' dominju għandha biss sinjifikat funzjonali u għalhekk, bħala prinċipju, ma tistax tiġi rikonoxxuta tali karattru.

31 L-EUIPO jsostni l t-tielet parti tal-aggravju uniku hija infondata.

32 Hemm lok li jiġi rrilevat li, fil-punt 42 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali esponiet li, "f'dak li jikkonċerna l-probabbiltà li l-pubbliku rilevanti josserva l-ittra 'y' fl-element figurattiv tat-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni, din ma tidhirx li ser isseħħ. Hekk kif jirriżulta mill-punt 34 iktar 'il fuq, teżisti differenza kbira bejn l-ittra 'y' u s-simbolu tal-qalb fit-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni u, min-naħa l-oħra, ma huwiex komuni li l-ittra 'y' tiġi ssostitwita b'tali simbolu. Barra minn hekk, anki jekk jiġi preżunt, kif issostni l-appellanti, li l-konsumatur jidentifika l-ittra 'y' fis-simbolu tal-qalb stilizzat, il-koinċidenza fonetika bejn l-elementi verbali 'fly' f'kull wieħed mis-sinjali kunfliġġenti ssir iktar dgħajfa bil-preżenza tal-element verbali '.de' fit-trade mark preċedenti. Issa, l-appellanti ma tressaq ebda argument ta' natura li jikkontesta l-evalwazzjoni miġjuba mill-[Ħames] Bord tal-Appell [tal-EUIPO], fil-punt 33 tad-deċiżjoni [kontenzjuża], fuq il-pronunzja ta' dan l-element verbali u li skont din it-trade mark preċedenti dejjem ser tiġi ppronunzjata f'diversi sillabi, fejn in-numru eżatt tagħhom ivarja skont regoli lingwistiċi ta' kull lingwa nazzjonali".

33 Hekk kif jirriżulta mill-punt 42 tas-sentenza appellata, l-evalwazzjoni tal-Qorti Ġenerali hija bbażata fuq il-konstatazzjoni li, minn naħa, teżisti differenza kbira bejn l-ittra "y" u s-simbolu tal-qalb fit-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni u, min-naħa l-oħra, ma huwiex komuni li l-ittra "y" tiġi ssostitwita minn tali simbolu, peress li l-probabbiltà li l-pubbliku rilevanti josserva l-ittra "y" fl-element figurattiv tat-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni għalhekk ma tidhirx li ser isseħħ. Tali evalwazzjoni, fl-assenza ta' allegazzjoni, f'dan il-każ, mill-appellanti ta' żnaturament tal-fatti, ma tikkostitwixxix kwistjoni ta' liġi suġġetta, bħala tali, għall-istħarriġ tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-kuntest ta' appell (ara, b'mod partikolari, is-sentenza tat-2 ta' Settembru 2010, Calvin Klein Trademark Trust vs UASI, C-254/09 P, EU:C:2010:488, punt 49 u l-ġurisprudenza ċċitata).

34 F'dan ir-rigward, huwa biss għal kompletezza li, fl-ipoteżi fejn il-konsumatur jidentifika l-ittra "y" fis-simbolu tal-qalb stilizzat, li l-Qorti Ġenerali kkunsidrat li l-koinċidenza fonetika bejn l-elementi verbali "fly" f'kull wieħed mis-sinjali kunfliġġenti ssir iktar dgħajfa bil-preżenza tal-element verbali ".de " fit-trade mark preċedenti.

35 Issa, ilmenti li jirrigwardaw motivi superfluwi tas-sentenza appellata fi kwalunkwe każ ma jistgħux iwasslu għall-annullament ta' dik is-sentenza (sentenza tas-6 ta' Settembru 2017, Intel vs Il-Kummissjoni, C-413/14 P, EU:C:2017:632, punt 63 u l-ġurisprudenza ċċitata).

36 Isegwi li t-tielet parti tal-aggravju uniku hija ineffettiva.

Fuq ir-raba' parti tal-aggravju uniku

37 Permezz tar-raba' parti tal-aggravju uniku, l-appellanti ssostni li s-simbolu tal-qalb, fit-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni, huwa ċertament ħafna maħsub mill-intervenjenti fl-ewwel istanza bħala l-ittra "y", peress li fit-trade marks tal-Unjoni Ewropea l-oħra kollha miżmuma minnhom, is-simbolu ta' qalb jissostitwixxi l-ittra "y", bħal f'dan il-każ. Bl-istess mod, is-sit internet operat mill-proprjetarju tat-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni juri li, bis-simbolu tal-qalb, huwa jfittex li jikseb sostituzzjoni għall-ittra "y".

38 L-EUIPO jikkontesta l-ammissibbiltà tar-raba' parti tal-aggravju uniku, li tikkostitwixxi espożizzjoni pura ta' fatt. Fi kwalunkwe każ din il-parti hija infondata.

39 Għandu jitfakkar li, konformement mal-Artikolu 256(1) TFUE u mal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 58 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, appell għandu jkun limitat għal kwistjonijiet ta' liġi. Għalhekk il-Qorti Ġenerali hija l-unika kompetenti sabiex tikkonstata u tevalwa l-fatti rilevanti kif ukoll sabiex tevalwa l-provi. L-evalwazzjoni tal-fatti u tal-provi għaldaqstant ma tikkostitwixxix, ħlief fil-każ ta' żnaturament tagħhom, kwistjoni ta' liġi suġġetta, bħala tali, għall-istħarriġ tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-kuntest ta' appell (ara, b'mod partikolari, is-sentenza tat-2 ta' Settembru 2010, Calvin Klein Trademark Trust vs UASI, C-254/09 P, EU:C:2010:488, punt 49 u l-ġurisprudenza ċċitata).

40 F'dan il-każ, għandu jiġi kkonstatat li, permezz tar-raba' parti tal-aggravju uniku, l-appellanti tillimita ruħha sabiex tikkontesta l-analiżi ta' natura fattwali mwettqa mill-Qorti Ġenerali fil-punt 42 tas-sentenza appellata.

41 Għaldaqstant, ir-raba' parti tal-aggravju uniku hija inammissibbli.

42 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha, l-appell għandu jiġi miċħud fl-intier tiegħu.

Fuq l-ispejjeż

43 Skont l-Artikolu 137 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, applikabbli għall-proċedura ta' appell skont l-Artikolu 184(1) ta' dawn ir-regoli, id-deċiżjoni dwar l-ispejjeż għandha tingħata fis-sentenza jew fid-digriet li jagħlqu s-sentenza. Skont l-Artikolu 138(1) ta' dawn ir-regoli, applikabbli wkoll għall-proċedura ta' appell skont l-Artikolu 184(1) ta' dawn ir-regoli, il-parti li titlef il-kawża għandha tiġi kkundannata għall-ispejjeż, jekk dawn ikunu ntalbu.

44 Peress li l-EUIPO talab li l-appellanti tiġi kkundannata għall-ispejjeż u peress li din tal-aħħar tilfet, hemm lok li tiġi kkundannata tbati, barra l-ispejjeż tagħha stess, l-ispejjeż sostnuti mill-EUIPO. Peress li H. Prantner u D. Giersch ma ressqu ebda talba relatata mal-ispejjeż, huma għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (L-Għaxar Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) L-appell huwa miċħud.

2) FTI Touristik GmbH hija kkundannata tbati, minbarra l-ispejjeż tagħha stess, dawk sostnuti mill-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO).

3) Harald Prantner u Daniel Giersch għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom.

Firem